MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 422/2003

**Finrac Limited**

**Vs**

**Lazarov Milica u Kavaji Oliver**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Frar 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta’ Lm1460 (elf erba` mija u sittin Lira Maltin) rapprezentanti kumpens dovut ghal uzu tal-fond “Lo Squero” li jinsab il-Furjana.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont ta’ elf, erba` mija u sittin lira Maltin (Lm1460) rapprezentanti kumpens dovut lis-socjeta` attrici ghal uzu tal-fond “Lo Squero”, li jinsab Haywharf, il-Furjana u dana

*ai termini* ta’ l-artiklu 3.2 tal-kuntratt tas-16 ta’ Novembru, 2000 bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi tal-ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru, 2001 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta fejn inghad:-

In linea preliminari l-inkompetenza ratione materiae ta’ dan it-Tribunal;

In linea preliminari wkoll l-inkopetenza ratione valoris ta’ dan it-Tribunal;

Illi s-socjeta` attrici ma kienitx awtorizzata sabiex tidhol fi ftehim bhal dak maghmul bejn il-partijiet;

Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut mill-konvenuti u bla pregudizzju, se mai, huwa esagerat.

Illi l-avviz ippresentat hu nieqes minn kjarezza stante li ma hemm ebda riferenza ghall-perjodu li hu kopert mill-ammont mitlub.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi min jallega jrid jipprova, u dan l-oneru tingombri fuq is-socjeta` attrici. Xehed unikament John Zammit – Direttur li naqas li jipprezenta prospett ta’ x’kienet tikkonsisti s-somma ta’ elf u erbgha mija u sittin lira Maltin (Lm1460) li suppost dovut mill-konvenuti. Semplicement stqarr li kienet kera u stokk. Lanqas ma pproduca lill-istess Rachel Zammit li kienet tiehu hsieb il-gestjoni tar-restaurant.

Il-konvenuta qatt ma prezentat ruhha biex taghti x-xhieda taghha. Il-konvenut da parti tieghu xehed u esibixxa d-dokumenti a Fol 40/41 tal-process li xejn ma kien dovut. Huwa ferm inverosimili li jigi rilevat li l-konvenuti taw kull forma ta’ eccezzjoni hlief dik tal-pagament u kienet l-unika eccezzjoni li giet prezentata.

Illi l-istess dokumenti konsistenti f’ricevuti tal-istess bint John Zammit juru bic-car li dak allegatament mitluba mis-socjeta attrici kien jinsab imhallas mill-konvenuta Lazarov, kif xhed del resto l-konvenut l-iehor Kavaji. Ix-xoghol preparatorju antecedenti ghal dawn il-proceduri ma sarx kif suppost, li kieku l-pendenza ma kenitx twassal sa hawn.

Jiddeciedi billi jichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet konvenuti, jilqa r-raba` u hames eccezzjoni, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------